MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2007

Talba Numru. 587/2005

**GasanMamo Insurance Limited (C 3143) kif surrogata fid-drittijiet ta l-assikurat taghha Carmen Saliba u l-istess Carmen Saliba**
**Vs**
**Anthony Borg**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta Marzu 2005, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat jhallas lill-atturi s-somma ta' mitejn u sebgha u disghin lira tnejn u tmenin centezmu (Lm297.82) rapprezentanti valur ta danni kagonati fil-vettura numru KAD 292 proprjeta tal-attrici meta l-konvenut habat go fiha bil-vettura misjuqa minnu numru VIP 530 f'incident stradali li sehh nhar il-15 ta April 2004 gewwa Hal Qormi ghal liema ncident l-istess konvenut kien unikament responsabbli.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali datata 10 ta Jannar 2005 u tal-ittra ufficcjali prezentata kontestwalment

ma dan l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-atturi ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Ra illi ghalkemm notifikat legalment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tat-12 ta Jannar 2007, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma kif rikjesta fl-ammont ta mitejn u sebgha u disghin lira tnejn u tmenin centezmu (Lm297.82) bl-imghaxijiet legali dekorribbli minn notifika ta l-ittra ufficcjali datata 10 ta Jannar 2005 u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------